Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,312, 11 ta' Settembru, 2024
Taqsima B

A.L. 223 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut, liema ordinamenti ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Istitut għandu jkollhom waħda mill-gradi li ġejjin:

(a) il-grad ta' Master fi kwalunkwe qasam ta' studju relatat mal-qasam ta' riċerka propost; jew

(b) il-grad ta' Baċellerat miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju meqjus mill-Bord li huwa relatat ħafna mal-qasam tar-riċerka propost; jew

(ċ) kwalifiki li l-Bord iqis xierqa u komparabbli mal-gradi msemmija fis-sotto-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

Il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat

4. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra ta' Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat magħmul kif ġej:

Il-President tal-Istitut jew delegat, bħala President
Id-Direttur tal-Istitut jew delegat
Żewġ akkademiċi residenti tal-Istitut.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

5. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, huwa jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju matul l-ewwel parti tal-istudji tagħhom, kif irrakkomandat mill-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Bord għall-Evalwazzjoni għat-Trasferiment

6. Il-Bord għall-Evalwazzjoni għat-Trasferiment għandu jkun magħmul Mill-President tal-Istitut jew id-delegat bħala President, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom għandu jkun is-Superviżur Prinċipali u l-ieħor resident akademiku tal-Istitut jew ta' fakultà/istitut/ċentru b'kompetenza fil-qasam.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

7. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

It-Tħassir

8. L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Lingwistika, ippubblikati bħala Avviż Legali 299 tal-2010, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024.